MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 1558/1995/1

**Vincent Azzopardi**

**v.**

**Middle Sea Insurance Company Limited**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. B'citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Ottubru 1995, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, l-attur Vincent

Azzopardi ppremetta illi huwa jiggestixxi garage ta’ self-drive cars u li kellu car tat-tip jeep, tal-marka Suzuki bin-numru ta’ registrazzjoni X1276; illi din il-vettura kienet assigurata mas-socjeta` konvenuta, Middle Sea Insurance Co. Ltd. bil-polza numru 003446101243595, ghall-valur ta’ Lm4000, kontra r-riskju ta’ serq u riskji ohra; illi f’Mejju 1995 din il-vettura nsterqet u ghadha ma nstabitx; illi s-socjeta` konvenuta ma tridx thallas lill-attur ghall-*car* misruqa u lanqas ghad-danni li sofra u qed isofri b’konsegwenza tan-nuqqas tad-dhul mill-kiri ta’ l-istess self-drive car; u ghalhekk talab li-socjeta` konvenuta tghid ghaliex dik il-Qorti ma ghandiex:-

(a) tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli li thallas lill-attur il-kumpens dovut ghall-*car* numru X1276 li nsterqet u ghad-danni sofferti mill-attur minhabba n-nuqqas tad-dhul mill-kiri ta’ l-istess self-drive *car*;

(b) tillikwida l-ammonti li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lill-attur kemm ghall-*car* assigurata kif ukoll ghad-danni imsemmija; u

(c) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur l-ammonti hekk likwidati, bl-imghax sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

2. B’nota ta’ eccezzjonijiet ipprezentata fl-20 ta’ Frar 1996, il-kumpanija konvenuta eccepiet:
(i) illi l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma kienx il-propjetarju tal-vettura in kwistjoni meta sar l-allegat serq;

(ii) illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur irid jipprova l-allegat serq tal-vettura in kwistjoni; u

(iii) illi t-talba ta’ l-attur li jigi kkumpensat ghad-danni li allegatament sofra minhabba n-nuqqas ta’ dhul mill-kiri tal-vettura in kwistjoni hija insostenibbli stante li l-kuntratt ta’ assikurazzjoni ma jkoprix it-telf ta’ qligh u huwa kuntratt ta’ indenniz konsistenti f’obbligu ta’ hlas ta’ flus.

## II. IS-SENTENZA APPELLATA

3. B'sentenza tas-16 ta' Mejju, 2002, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u cahdet it-talbiet kollha ta' l-attur, bl-ispejjez kontra tieghu u dan wara li kkunsidrat hekk:
"Illi f'din il-kawza l-attur qed jghid li hu kellu fil-pussess tieghu karozza numru X-1276 li kienet assikurata mas-socjeta' konvenuta. F'Mejju ta' l-1995, din il-karozza insterqet u ghalkemm talab lis-socjeta' konvenuta sabiex tindenizzah taht il-polza ta' assikurazzjoni, din naqset milli taghmel dan. Is-socjeta' konvenuta opponiet li l-attur ma kienx il-propjetarju tal-karozza meta sar l-allegat serq u li kull claim ghall-kumpens kellha, f'kull kaz, issir mis-sid tal-vettura u mhux minn persuna li kellu biss il-pussess taghha. Id-ditta konvenuta, tissottometti ukoll li ma giex pruvat li saret, fil-fatt, is-serqa allegata.

"Il-provi f'din il-kawza huma pjuttost skarsi u mehud kont tal-fatt li l-oneru tal-prova huwa fuq l-attur, il-Qorti thoss li dan naqas serjament milli jipprova l-kaz tieghu. Hekk, per ezempju, ma gietx esebita l-polza ta' l-assikurazzjoni li hija l-bazi ta' l-azzjoni. Minn din kien jirrizulta jekk, fil-fatt il-karozza in kwistjoni kienetx inxurjata mas-socjeta' konvenuta meta sehhet l-allegata serqa, kif kienet inxurjata, fuq isem min, u jekk kienetx tkopri kontra serq. Dawn kollha huma punti mportanti ghas-soluzzjoni ta' din il-kawza, izda stranament, l-attur naqas li jressaq l-ahjar prova.

"L-aktar punt ta' hsara ghall-attur hu li, milli jidher, il-polza ta' assikurazzjoni ma kienetx fuq ismu, izda fuq isem Joe Ciscaldi li kien sid il-karozza meta nsterqet. Fil-fatt il-claim ghall-kumpens saret minn Joseph Ciscaldi li hu indikat bhala il-"policy holder", u kwindi r-relazzjoni li *se mai*, kienet tezisti mas-socjeta' konvenuta, kienet tappartjeni lil dan Ciscaldi u mhux lill-attur.

"L-attur fil-fatt, ma ghandu ebda relazzjoni mas-socjeta' konvenuta u din il-Qorti ma tarax fuq liema bazi legali l-attur jista jsostni l-azzjoni tieghu. Seta' kien ir-*"registered*

*user”* tal-vettura, pero’, b’daqshekk la jsir *“policy holder”* u lanqas ma ddahlu f’relazzjoni diretta mas-socjeta’ konvenuta. Din l-azzjoni kienet tispetta propjament lil Joseph Ciscaldi, ghax hu kien kien l-assikurat.

“L-attur jista’ jargumenta li wara s-serqa, xtara l-karozza. Apparti l-fatt li dan l-allegat trasferiment ma giex pruvat, jekk l-oggett tal-bejgh ma kienx jezisti meta dan sehh, difficli li wiehed iqis in-negozju bhala wiehed validu. Ta’ min jigi osservat ukoll, li jekk Ciscaldi ittrasferixxa l-vettura lill-attur, ma jidhirx li dan ittrasferilu d-dritt li twieled fih mas-serqa tal-vettura li jdur kontra l-kumpanija assikuratrici, ossija l-kreditu pretiz tieghu kontra s-socjeta’ konvenuta. Lanqas ma jidher li sar it-trasferiment tal-polza ta’ assikurazzjoni min fuq Ciscaldi ghal fuq l-attur.

“L-attur jghid li hu kien informa lill-*brokers* tieghu bil-fatt li l-karozza kienet f’idejh. Apparti l-fatt li din l-informazzjoni ma twassalx li taghmlu *“policy holder”,* hu risaput li l-*broker* huwa l-agent ta’ l-assikurat mhux tal-kumpanija assikuratrici (ara “Vassallo vs Azzopardi” deciza minn din il-Qorti fil-21 ta’ April, 1999) u kwindi tali informazzjoni, f’kull kaz, ma wasletx ghand is-socjeta’ li, effettivament, kienet harget il-kopertura.

“Ghalhekk jidher car li l-attur ma ghandu ebda relazzjoni guerdika mas-socjeta’ konvenuta, u kwindi jonqos fih kull interess giuridika li jippronwovi din l-azzjoni li hi bazata fuq polza ta’ assikurazzjoni li, kif jinghad, tghajjat lil terza persuna. Din il-Qorti tista’ tieqaf hawn fuq dan il-kaz, pero’, il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka anke dwar ic-cirkustanzi tal-allegata serqa. L-attur jghid li s-serqa giet rapportata lilu minn Martin Vella, li lilu kienet mikrija, pero’, provi konkreti ma ngabux. Intqal li sar rapport lill-Pulizija, izda dan ma giex prodott u lanqas ma intqal x’irrizulta mill-investigazzjoni tal-Pulizija. Hemm ukoll hafna inkonsistenzi bejn ix-xhieda ta’ l-attur u ta’ Martin Vella dwar kif sehhet l-allegata serqa. Hekk, per ezempju, dak in-nhar tas-serqa, l-attur u dan Vella kienu iltaqghu jiehdu drink: l-attur ighid li ltaqghu l-Hilton (fol 20), waqt li Vella ighid li ltqghu l-Holiday Inn (fol 41): ovvjament, bejn lukanda f’Paceville u ohra f’Tigne hemm distanza u

differenza! L-istess Martin Vella wkoll wera inkonsistenza fix-xhieda tieghu. Meta ghamel il-*claim* tas-serqa, hu iffirma dikjarazzjoni li nduna li l-karozza kienet nieqsa fil-11.45p.m., izda meta xehed (fol 41) qal li hu u l-attur damu jixorbu sas-siegha ta' filghodu, u kien wara dak il-hin li mar ifittex il-karozza u sabha nieqsa. L-attur imbaghad jghid li Martin Vella irraportalu s-serqa fl-erbgha ta' filghodu. Dawn huma kollha dettalji li jnaqqsu mhux ftit il-kredibilita' ta' l-attur u Martin Vella. Dan ta' l-ahhar ukoll, ghall-ewwel insista u cahad li qatt kien akkuzat u nstab hati ta' misapproprijazzjoni u frode, u ammetta dan biss wara, f'seduta sussegwenti, gie reinfaccjat b'dettalji precizi ta' dawn l-akkuzi u tal-proceduri kriminali li ittiehdu kontra tieghu.

"Ghalhekk, irrizultaw dubbji serji ta' kemm verament sehhet l-allegata serqa. L-attur ighid ukoll li hu gie imwieghed il-hlas tal-vettura, izda meta gie mistoqsi min min, hu qal li kienu l-*brokers* li weghduh ic-cekk (fol 23), il-brokers, kif inghad, huma l-agenti tieghu stess, u kwindi ma saret ebda obbligazzjoni kuntrattwali da parti tas-socjeta' konvenuta assikuratrici.

"Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ma hemmx lok li tigi diskussa t-tielet eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta,

## III. L-APPELL

4. L-attur Vincent Azzopardi hassu aggravat min din is-sentenza u ghalhekk appella minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' appell ipprezentat minnu fl-4 ta' Gunju, 2002. Ghar-ragunijiet imfissra fl-imsemmi rikors, l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tieghu u tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` konvenuta appellata.

5. Il-kumpanija appellata kkontestat l-appell b'risposta pprezentata minnha fit-12 ta' Gunju 2002. F'din ir-risposta, is-socjeta` appellata sostniet li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u dan ukoll ghar-ragunijiet spjegati fl-istess risposta.

## IV. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

6. Fir-rikors ta’ appell tieghu, l-appellanti jindika bazikament hames aggravji:

(a) Fl-ewwel lok l-attur appellant hassu aggravat peress li l-Qorti ta’ l-ewwel grad ma sabitx li kien gie ppruvat li r-registrazzjoni tal-vettura kienet ghaddiet ghal fuq l-attur wara d-data ta’ l-allegata serqa, izda, skond l-appellant, dan il-fatt gie ppruvat kemm bix-xiehda tal-attur u kif ukoll mir-rapport tax-xhud tas-socjeta` konvenuta appellata, Joe Zahra.

(b) Fit-tieni lok l-appellant jikkritika s-sentenza appellata fejn din ma accettatx li vettura misruqa tista’ tigi validament ittrasferita, meta skond l-appellant oggett misruq ma hux oggett li ma jezistix u ghalhekk jista’ jigi trasferit, stante li l-kunsinna ta’ l-oggett ma tkunx mehtiega ghall-validita` tat-trasferiment.

(c) Bit-tielet aggravju l-appellanti jissottometti li l-ewwel Qorti ma kenitx korretta meta rriteniet li anke jekk jekk it-trasferiment tar-registrazzjoni tal-vettura sehh, madanakollu ma kienx jidher li gie ttrasferit ukoll lill-attur appellant id-dritt li jitlob il-kumpens minghand is-socjeta` assigurattrici tal-vettura minhabba s-serq taghha. L-appellant jghid li meta l-*policy holder* tal-vettura in kwistjoni l-ewwel ghamel il-claim ghall-kumpens ghall-vettura misruqa u imbaghad iffirma ghat-trasferiment tar-registrazjoni tal-vettura ghal fuq l-attur appellant, wiehed ma jistax ma jinterpretax dan bhala trasferiment tad-dritt li jiehu l-kumpens, ossia, il-prezz tal-vettura misruqa.

(d) Ir-raba’ aggravju jikkritika s-sentenza appellata fejn din irriteniet li ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn l-attur appellant u s-socjeta` konvenuta. L-appellant jissottometti li mill-provi rrizulta li s-socjeta` assikuratrici kienet taf li l-vettura kienet fil-pussess tieghu, u li dan ta’ l-ahhar kien ihallas il-premium ta’ l-assikurazzjoni, u li din kienet konswetudini ta’ garages ta’ self-drive hire cars, u li s-socjeta` assikurattrici kkonstatat ukoll li wara d-data tas-

serqa tal-car u r-registrazzjoni tal-vettura saret validament f'isem l-appellant.

(e) Fl-ahharnett, l-appellant, fil-hames aggravju tieghu, jillanja mill-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li kkonkludiet li kienu jirrizultaw dubji serji ta' kemm verament sehhet l-allegata serqa.

7. Il-Qorti serja fl-ewwel lok tikkunsidra ir-raba' aggravju ta' l-appellant. L-ewwel nett irid jinghad li l-provi li tressqu fil-kawza in kwistjoni huma skarsi hafna, fatt li gie ukoll issottolineat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Haga li zgur tispikka hija l-fatt li ma gietx ezebita l-polza ta' assigurazzjoni, li kellha tkun l-ahjar prova f'kawza bhal din. Li huwa cert ukoll huwa li meta nserqet il-karozza, din kienet ghada registrata f'isem Joseph Ciscaldi. Dan il-fatt gie wkoll ikkonfermat mill-attur innifsu fix-xiehda moghtija minnu fit-30 ta' Mejju 1997 (fol. 15). Inoltre fil-*Motor Insurance Accident Report Form* tal-Fenici Insurance Brokers Ltd. (Dok A, Fol. 49), il-persuna mnizzla bhala *policy holder* huwa l-istess Joseph Ciscaldi u mhux l-attur ghakemm id-domanda ghall-kumpens ghas-serqa setghet saret mill-attur Vincent Azzopardi, li jidher li ffirma dan id-dokument. Bhalma sewwa tghid l-ewwel Qorti, l-aktar punt ta' hsara ghall-attur hu li l-polza ta' assikurazzjoni ma kenitx fuq ismu izda fuq isem Joseph Ciscaldi li f'dak iz-zmien, kif diga` ntqal, zgur li kien il-propjetarju tal-karozza li nserqet.

8. Fis-sentenza ta' l-14 ta' Mejju 2004, fl-ismijiet **Salvatore Sammut v. Middle Sea Insurance p.l.c.**, din il-Qorti, diversament komposta, kienet iddeskriviet polza ta' assikurazzjoni b'dan il-mod:

*"Polza ta' assikurazzjoni tohloq relazzjoni bilaterali bejn il-kontraenti fejn, in konsiderazzjoni tal-hlas ta' premium mill-assikurat lis-socjeta` assikurattrici, dik l-istess socjeta` tintrabat li tindenizza lill-assikurat taghha fl-eventwalita` li dan jsofri xi telf bhala rizultat ta' event dannuz kopert bl-istess polza ta' assikurazzjoni. L-element principali f'dan it-tip ta' kuntratt huwa r-riskju, liema riskju tassumieh s-*

*socjeta` assikuratrici. F'dan is-sens, ghalhekk, dan huwa kuntratt bilaterali b'titolu oneruz in kwantu l-kontraenti jirregolaw l-obbligazzjonijiet ta' bejniethom billi l-hlas ta' premium da parti tal-assikurat tiskatta l-obbligazzjoni ta' indenniz da parti tas-socjeta` assikurattrici."*

9. Il-principju li polza ta' assikurazzjoni hija essenzjalment kuntratt bejn l-*policy holder* u s-socjeta` assikurattrici gie ukoll issottlinejat mis-socjeta` konvenuta appellata fir-risposta taghha ghal dan l-appell, meta din tghid li huwa principju baziku f'materja ta' kuntratti li *"Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' hsara jew ta' gid ghal haddiehor, hlief f'kazijiet li tghid il-ligi".* Hawnhekk is-socjeta` appellata rreferiet ghall-Artikolu **1001** tal-Kodici Civili u sostniet li l-azzjoni bazata fuq kuntratt ta' assikurazzjoni, bhal dik proposta mill-attur fic-citazzjoni tieghu, hija spettanti biss lill-assikurat, li f'dan il-kaz kien Joseph Ciscaldi. Dwar dan l-aspett l-ewwel Qorti kienet irriteniet hekk:

*"L-attur fil-fatt ma ghandu ebda relazzjoni mas-socjeta` konvenuta u din il-Qorti ma tarax fuq liema bazi legali l-attur isostni l-azzjoni tieghu. Seta' kien "registered user" tal-vettura pero' b'daqshekk la jsir "policy holder" u lanqas ma ddahhlu f'relazzjoni diretta mas-socjeta` konvenuta. Din l-azzjoni kienet tispetta proprjament lil Joseph Ciscaldi, ghax hu kien l-assigurat."* (fol. 134)

10. Ic-cirkostanzi li jsemmi li-appellant fl-aggravju tieghu biex jipprova jevita l-applikazzjoni tal-principju li l-azzjoni odjerna kienet proprjament tispetta lill-assigurat u mhux lill-appellant, ftit li xejn jistghu ibiddlu is-sitwazzjoni kif temergi mill-aspett legali.

11. Jirrizulta mill-provi pjuttost skarni akkwiziti fil-process li l-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni saret tramite Fenici Insurance Brokers Ltd. (ara Dok. RCI a fol. 124 tal-process) taht xi skema partikolari li d-dettalji taghha ma gewx spjegati u approfonditi. Infatti, jinghad fl-imsemmi dokument li:
"All motor self-drive policies underwritten by Middlesea through Fenici Insurance Brokers Ltd., as from 1993 t0

1998 were issued under the Fenici self-drive scheme which contemplated a LM500 retention limit per claim by insured in respect of own damage losses."

Ghalkemm l-appellant, fix-xiehda tieghu, semma' lis-Sur Perici Calascione (li ffirma l-imsemma Dok RCI) kif ukoll lis-Sur Said, pero` l-attur ma ressaqhomx bhala xhieda biex jikkjarifikaw is-sitwazzjoni. Fl-aggravju tieghu, l-appellant jaghmel riferenza ghal "konswetudini ta' garages ta' self-drive hire ta' cars". Madankollu, l-attur ma ressaq ebda provi li jistghu jindikaw l-ezistenza ta' xi konswetudini li meta tinhareg polza ta' assikurazzjoni simili, il-principju msemmi fil-paragrafu 10 supra ma jibqax applikabbli. Anke l-fatt li s-socjeta` appellata setghet kienet taf li l-karozza in kwistjoni kienet fil-pussess ta' l-appellant u li l-appellant kien hallas il-premium tal-polza in kwistjoni, xorta wahda ma jbiddilx is-sitwazzjoni legali ghaliex hu risput li terza persuna tista' thallas id-dejn ta' haddiehor.

12. Dwar il-fatt li, skond kif qieghed jargumenta l-attur, il-vettura misruqa giet debitament registrata fuqu wara s-serqa, din il-Qorti ma tarax li dan gie ppruvat b'mod sodisfacenti mill-attur, li bhalma diga` ntqal aktar qabel, kellu l-obbligu u l-oneru li jressaq l-ahjar prova, cioe` id-dokument relattiv rilaxxjat mill-awtorita` kompetenti. Dan aktar u aktar meta kien jidher evidenti li s-socjeta` konvenuta kienet qeghda tikkontesta l-validita` ta' l-allegat trasferiment in vista tar-rapport imhejji ghas-socjeta` konvenuta mill-investigatur privat Joseph Zahra, li xehed a fol. 119 tal-process. Fl-imsemmi rapport tieghu (ara fol. 122) jinghad, *inter alia*, testwalment hekk:-
"On false pretension, after the car was declared missing from Martin Vella, they called at the licencing of [sic, recte: "office"] and made the car transfer, with out declaring that the car was missing."

Inoltre, l-ewwel Qorti kellha ragun tghid li minhabba s-sitwazzjoni li nholqot bis-serqa tal-karozza, l-oggett tal-bejgh ma kienx jezisti meta dan allegatament sehh. In effetti l-karozza qatt ma nstabet u ghalhekk din il-Qorti, fid-dawl tal-provi li tressqu f'din il-kawza, ma tistax

taccetta dak sottomess mill-appellant meta jghid li *"oggett misruq ma hux oggett li ma jezistix, u ghalhekk la oggett jezisti, jista jigi ttrasferit, stante li l-konsenja ta' l-oggett ma tkunx mehtiega ghall-validita` tat-trasferiment"* (fol. 148).

13. Barra minnhekk, lanqas it-tielet aggravju ma jista' jintlaqa, ghax din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti meta din tghid li jekk Joe Ciscaldi in effetti ttrasferixxa l-vettura lill-attur, xorta ma jidhirx li dan ittrasferielu d-dritt li jdur kontra l-kumpanija assikuratrici ghall-kreditu pretiz tieghu kontra s-socjeta` konvenuta. Fil-fehma konsiderata taghha, din il-Qorti ma tistax taccetta dak sottomess mill-appellanti meta jargumenta li meta Joe Ciscaldi bhala *policy holder* tal-vettura misruqa, l-ewwel ghamel claim ghall-kumpens taghha u mbaghad iffirma ghat-trasferiment tar-registrazzjoni tal-vettura ghal fuq l-attur, dan ghandu jigi interpretat bhala trasferiment tad-dritt li l-attur jiehu l-kumpens ghall-vettura misruqa. Dan peress li essenzjalment l-attur appellant ma gab ebda prova sodisfacenti li fil-fatt sar xi trasferiment tal-polza ta' assikurazzjoni minghand il-*policy holder* ghal fuqu. Fil-fatt, bhalma sewwa qalet is-socjeta` appellata fir-risposta taghha ghal dan l-appell, anke jekk jigi accettat li l-vettura giet trasferita, dan xorta wahda *ma jfissirx li awtomatikament gie assenjat il-kuntratt ta' assikurazzjoni:-*

*Huwa minnhu li l-"beneficcju" taht il-kuntratt huwa dritt jew kreditu li jista' jigi assenjat, pero l-ligi tirrikjedi "ad validatem" il-forma iskritta ghal kwalunkwe cessjoni ta' kreditu jew jedd (Artikolu 1470(1) Kodici Civili)....."* (fol. 154).

Ghalhekk, dan ifisser li d-dritt tar-rizarciment taht il-polza ma seta' qatt gie assenjat awtomatikament jew implicitament lill-attur bis-semplici trasferiment tal-vettura.

14. Il-konsiderazzjonijiet maghmula hawn fuq minn din il-Qorti jwassluha biex tichad l-ewwel erba' aggravji ta' l-appellant ghaliex jidhrilha li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi akkwiziti fil-process, inkluz fejn hija rriteniet li kellha dubbji serji ta' kemm verament

sehhet l-allegata serqa. Infatti, fid-dawl ta’ dak li din il-Qorti diga` kkummentat, ma tara l-ebda raguni tajba ghaliex hija ghandha tkompli telabora dwar l-ahhar aggravju ta’ l-appellant kif imsemmi fil-paragrafu 6 supra, u dan anke ghaliex sostanzjalment hija taqbel mal-konsiderazzjonijiet u l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata.

13. Ghal dawn il-motivi, tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li anke l-ispejjez ta’ din l-istanza jithallsu mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------